# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Jannar 2018**

**Numru 23**

**Rikors numru 187/16 MCH**

**Logotenent Kurunell Andrew Mallia**

**v.**

**1) Kap Kmandant, Forzi Armati ta' Malta**
**2) Ministru ghall-Intern u Sigurtà Nazzjonali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-Lt. Col. Andrew Mallia tat-8 ta' Marzu 2016 li permezz tieghu jinghad hekk:

> "Illi fis-27 ta' Settembru 2013, is-segwenti, fost ohrajn, gew promossi ghall-grad ta' Kurunell fil-Forzi Armati ta' Malta, cioe Pierre Vassallo, Mark Said, Jeffrey Curmi u Mark Mallia.
>
> "Illi dawn l-individwi kienu anqas anzjani mir-rikorrent u in oltre kienu gew promossi ghall-grad ta' Logotenent Kurunell biss gimghatejn (2) qabel ma gew promossi ulterjorment kif indikat hawn fuq.

"Ill dan kollu kien bi ksur - kif il-Kap Kmandant ta' dak iz-zmien kien informa lir-rikorrent - tal-proceduri ghall-promozzjoni stabbilit fl-2009. Il-Kap Kmandant kien stqarr ukoll illi ma kienx ta' rakkomandazzjoni ghal promozzjoni accellerata u li kien il-Ministru ta' dak iz-zmien, l-Onor, Dr Manwel Mallia, li kien ghamel id-decizjonijiet rilevanti.

"Illi dan wassal lir-rikorrent biex jitlob illi l-lanjanza tieghu tigi riferta lill-E.T. il-President skond il-ligi, u f'April 2015 kellu intervista mal-E.T, il-President skond il-procedura normali. Fil-10 ta' Settembru 2015 kien gie nfurmat illi l-E.T. il-President ma kienet sabet ebda irregolarita.

"Illi l-process ta' promozzjoni tal-individwi kkoncernati hu bi ksur tal-provvedimenti tal-art. 6 tal-AL220.03, peress illi ma kienx hemm rakkomandazzjoni ghal "accelerated promotion" da parti tal-Kap Kmandant (art. 6(2)) u ma gewx segwiti l-kriterji tal-art.6(1) tal-AL imsemmi.

"Illi hu impossibbli illi ghal dak li jirrigwarda efficjenza, kapacita, kwalifici u generalment il-kwalitiajiet necessarji l-erba' individwi msemmija huma ahjar mir-rikorrent, specjalment tenut kont tal-fatt illi kienu ilhom biss gimghatejn (2) fil-grad ta' Logotenent Kurunell komparat mat-tlett snin tar-rikorrent u ghalhekk ma setax, bl-ebda mod immaginabbli, kien hemm kejl komparattiv bejnhom u r-rikorrent.

"Illi ghalhekk hu car fil-fehma umli tar-rikorrent illi fil-kaz ta' dawn l-erba' individwi, ttiehdu in konsiderazzjoni fatturi estraneji ghal dawk li huma legalment imposti meta jkun hemm promozzjonijiet, li ghalhekk iwassal ghall-konkluzjoni illi r-rikorrent gie ddiskriminat minhabba t-trattament specjali li nghataw l-istess individwi.

"Illi r-rikorrent kien ipprezenta Protest Gudizzjarju fl-1 ta' Frar 2016 (Dok. A anness) li l-intimati kienu laqghu ghalih kif indikat fil-Kontro-Protesti annessi (Dok. B u C) fejn fl-umli fehma tar-rikorrent ma mexxilhomx jaghmlu argument kontra dak li jasserixxi.

"Illi fl-umli fehma tar-rikorrent, l-agir tal-intimati jew min minnhom kien, u jibqa':

"i) bi ksur tad-dritt tieghu li ma jkunx iddiskriminat fuq il-post tax-xoghol billi jinghata lilu direttament jew indirettament, trattament mhux accettabbli f'socjeta demokratika illi jwassal ghal tnaqqis minn dak li ghandu dritt jippretendi bhala rizultat tal-hidma tieghu u/jew

"ii) bi ksur tal-provvedimenti applikabbli tal-art. 469(A) tal-Kap. 12

"iii) tali illi jirrekalu danni fil-hajja professjonali u l-karriera tieghu.

"Ghaldaqstant umilment jitlob illi din l-Onor. Qorti:

> "1. Taqta' u tiddeciedi illi l-agir premess da parti tal-intimati jew min minnhom kien u ghadu bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent kif premess u
>
> "2. Tordna li jittiehdu dawk il-mizuri illi jkunu fil-fehma tal-Onor. Qorti adekwati biex jirrimedju l-lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrent kif premess u
>
> "3. Tillikwida arbitri boni viri kull danni sofferti mir-rikorrent
>
> "4. Tordna l-hlas ta' dawn id-danni lir-rikorrent mill-intimati jew min minnhom
>
> "Bl-ispejjez."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:

> "1. Preliminarjament l-esponenti jeccepixxu li r-rikorrent ghandu jispecifika liema huma ezattament l-artikoli tal-ligi li fuqhom qed jibbaza l-azzjoni odjerna u dan anki ghaliex l-intimati qed ikunu pregudikati meta jridu jissottomettu eccezzjonijiet ghal azzjoni li ma hiex identifikata. Ghalkemm fir-rikors promotur issir referenza ghall-artikolu 469A tal-Kap. 12, l-esponenti huma tal-umli fehma li r-rikorrent ghandu jindika ukoll jekk l-ilment tieghu jinkwadrax ruhu taht is-subinciz (1)(a) u/jew 1(b) tal-artikolu 469A u jirriservaw li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz.
>
> "2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u preliminarjament ukoll, dina l-Onorabbli Qorti m'ghandha l-ebda gurisdizzjoni biex tissindika l-promozzjonijiet mertu tal-kawza odjerna peress li dawn jirrigwardaw l-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni interna tal-Forzi Armati ta' Malta u li skond l-artikolu 469A (2) tal-Kap. 12 dawn id-decizjonijiet huma eskluzi mid-definizzjoni ta' "att ammistrattiv" f'dak l-artikolu u jaqghu barra s-sindakabilita gudizzjarja.
>
> "3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u preliminarjament ukoll, dina l-Onorabbli Qorti m'ghandha l-ebda gurisdizzjoni biex tissindika l-promozzjonijiet mertu tal-kawza odjerna stante li dawn jaghmlu parti minn kondizzjonijet ta' impjieg f'servizz mal-Gvern skond l-artikolu 469A(6) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u huma ghalhekk rapport specjali regolat b'dispozizzjoniet specjali specifikatament applikabbli ghalih.
>
> "4. Illi subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jeccepixxu preliminarjament ukoll illi din l-azzjoni, sa fejn hija msejsa fuq l-artikolu 469A(1)(b), hija milquta bid-dekors tas-sitt (6) xhur u dan ai termini tal-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-promozzjonijiet in kwistjoni sehhew fis-27 ta' Settembru 2013

u l-kawza odjerna giet pprezentata nhar it-8 ta' Marzu 2016 u ghaldaqstant hija kjarament milquta bid-dekandanza tas-sitt (6) xhur liema perjodu ma huwiex soggett ghas-sospenzjoni jew interuzzjoni permezz ta' att gudizzjarju.

“5. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost u jekk hemm-il darba l-azzjoni tar-rikorrent tinkwadra ruhha wkoll fl-artikoli 469A(1)(a) u (l)(b)(iv) tal-Kap. 12, l-esponenti jirrilevaw li skond taghlim gurisprudenzjali, ir-rikorrent ma jistghax jiftah din il-kawza ordinarja ghal stharrig gudizzjarju taht is-subartikolu 1(a) tal-artikolu 469A u jallega ksur tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni u ghalhekk wiehed ghandu jzomm il-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili separati u distinti minn xulxin. Marbut ma' dan jinghad il-kliem "imur mod iehor kontra l-ligi" fis-subartikolu (1)(b)(iv) tal-artikolu 469A jirreferi ghal kwalsiasi ligi ad eskluzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporati fil-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk jekk jirrizulta li l-ilment tar-rikorrent huwa li l-ghemil amministrattiv in kwistjoni jilledi xi wiehed mill-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew jilledi d-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea inkorporati fil-Kap. 319, tali ilment ma jaqghax taht azzjoni ta' "judicial review" provdut bl-artikolu 469A tal-Kap. 12.

“6. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal fuq espost u preliminarjament jigi rilevat li l-azzjoni ghall-stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv kif impostata hija inapplikabbli ai termini tal-artikolu 469A(4) tal-Kap. 12 galadarba r-rikorrenti jista' jikseb rimedju alternattiv provdut f’ligi ohra. Senjatament jigi rilevat illi l-attur jallega 'diskriminazzjoni' minghajr ma jindika fuq liema kriterju gie diskriminat. Ir-referenza tieghu ghal 'trattament mhux accettabbli f'socjeta demokratika’ huwa simili ghal-terminologija uzata fl-Att dwar il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, Kap. 267 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Kummissjoni tista' tkun vestita bil-gurisdizzjoni dejjem skont in-natura tad-diskriminazzjoni allegata mill-attur.

“7. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost jinghad li l-allegazzjonijiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

“8. Illi l-esponenti jeccepixxu n-nuqqas ta' fundament guridiku ghall-azzjoni odjerna billi ma jezisti ebda dritt illi wiehed jiehu promozzjoni.

“9. Illi l-esponenti jsostnu li l-mod kif gew promossi ghall-grad ta' Kurunell fl-Armata, Jeffrey Curmi, Pierre Vassallo, Mark Mallia u Mark Said kien wiehed gust, skond il-ligi u b'osservanza tal-principji naturali u ghalhekk l-esponenti la agixxew ultra vires u lanqas b'abbuz ta' poter.

“10. Illi l-esponenti jishqu li l-promozzjonijiet mertu tal-kawza odjerna saru skont id-dettami tal-legislazzjoni applikabbli u jichdu kategorikament li dawn kienu "accelerated promotions" ai termini tal-artikolu 6(2) tal-AL 220.03.

"11. Illi ladarba tilhaq il-grad ta' Logotenent Kurunell, kull Logotenent Kurunell fil-Forzi Armati ta' Malta ikun ugwalment eligibbli ghall-promozzjoni sussegwenti u dan dejjem skont il-ligi. Jigi soffermat l-fatt illi legalment ma tezisti l-ebda impozizzjoni dwar kemm persuna ghandha ddum fil-grad ta' Logotenent Kurunell qabel ma tkun eligibbli ghall-grad ta' Kurunell.

"12. Illi l-proceduri nterni tal-2009 msemmija mill-attur <u>qatt ma ntuzaw fir-rigward ta' promozzjoni ta' Kurunell</u> u kienu biss mezz tal-Ministru responsabbli ta' dak iz-zmien dwar kif jezercita d-diskrezzjoni tieghu. Dawn naturalment ma ghandhomx sahha ta' ligi u lanqas ma huma xi procedura ben stabbilita li tmur lura s-snin.

"13. Illi l-anzjanita ma hiex l-uniku kriterju li fuqu tkun ibbazata promozzjoni u dan minghajr pregudizzju ghall-pozizzjoni li whud mill-fizzjali li jilmenta dwarhom l-attur kien ilhom fis-servizz tal-AFM ferm iktar minnu. Lanqas ma huwa l-attur f'pozizzjoni li jikkumpara l-kwalifici u l-kapacitajiet ta' dawk promossi meta dawn huma f'oqsma ta' kompetenza differenti ghall-tieghu izda ugwalment bzonnjuzi ghall-Armata. Aktar minn hekk, lanqas ma jirrizulta li l-attur qatt hadem direttament jew kellu l-kmand ta' l-individwi li jilmenta dwarhom u huwa ghalhekk mhux maghruf kif wasal ghall-konkluzjoni gratuwita illi "l-efficjenza, il-kapacita, kwalifici u generalment il-kwalitajiet necessarji" tieghu huma superjuri ghall-taghhom.

"14. Illi l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attur ma jistghux fi kwalunkwe kaz jintlaqghu stante li huma improponibbli u ma jinkwadrawx ruhhom fil-parametri ta' gurisdizzjoni permessi minn azzjoni taht l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Li kieku dawn it-talbiet kif proposti jkollhom jintlaqghu, jirrizultaw f'eccess tal-vires vestit f'din l-Onorabbli Qorti f'azzjoni ta' stharrig gudizzjarju.

"15. Illi konsegwentament lanqas ma jistghu jintlaqghu t-tielet u r-raba' talbiet attrici u fi kwalunkwe kaz ma hemm l-ebda ness ta' kawzalita bejn l-agir tal-esponenti u d-danni pretizi mill-attur. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ai termini tas-subinciz (5) tal-artikolu 469A tal-Kap. 12, annullament ta' att amministrattiv kommess minn awtorita pubblika ma twassalx ghal ghoti ta' danni sakemm ma jigix ippruvat illi l-awtorita pubblika agiet in mala fede, b'mod irragjonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragjonevolment tigi michuda taht kull setgha ohra.

"16. Illi in vista tas-suespost, l-esponenti qieghdin umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

"17. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz".

Rat is-sentenza preliminari tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Ottubru, 2016, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm esposti cahdet ir-raba' eccezzjoni tal-konvenuti dwar id-dekadenza tal-azzjoni, billi qieset li ma kienitx gustifikata, u dan bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "L-attur f'din il-kawza qed jilmenta minn promozjonijiet li saru fil-Forzi Armati ta' Malta li sehhew fis-27 ta' Settembru 2013.
>
> "Il-konvenuti qed isostnu illi japplika ghal dan l-ilment l-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 u l-azzjoni hi prekluza billi ghaddew wisq aktar minn sitt xhur biex issir azzjoni taht dan l-artikolu kontra l-ghemil amministrattiv cioe d-decizjoni li ttiehdet fis-27 ta' Settembru 2013 ghal promozzjonijiet li minnhom qed jilmenta l-attur. L-artikolu 469A(3) jghid hekk:
>
> "Kawza biex twaqqa' eghil amministrattiv taht is-subartikolu (1)(b) ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jigi l-ewwel, b'dak l-eghil amministrattiv.
>
> "il-Qorti tqis li dan l-argument mhux misthoqq. L-artikolu 160 tal-Kap. 220 li jirregola l-Forzi Armati ta' Malta jghid hekk:
>
> "(1) Jekk ufficjal jahseb li saret xi haga hazina dwaru minn ufficjal jew awtorità superjuri u meta japplika ghand l-ufficjal kmandant tieghu ma jiksibx ir-rimedju li hu jahseb li jkollu dritt ghalih, hu jista' jaghmel ilment dwar dik il-haga lill-Kmandant.
>
> "(2) Meta jircievi dak l-ilment il-Kmandant ikollu d-dmir li jinvestiga l-ilment u li jaghti dak ir-rimedju li jidhirlu li jkun mehtieg jew, jekk l-ilment ikun hekk jehtieg, il-Kmandant ghandu permezz tal-Ministru jaghmel rapport tal-ilment lill-President ta' Malta sabiex jircievi d-direttivi tal-President ta' Malta.
>
> "Jidher illi l-attur uza l-mezz moghti mill-ligi biex isegwi l-ilment tieghu billi hemm ligi appozita li tirregola dan kif fuq inghad. L-attur xehed li fil-fatt inghata udjenza mill-Presdient tar-Repubblika fejn instema' l-ilment tieghu pero ma nghata ebda hjiel ta' x'kien ser ikun l-ezitu tal-ilment. Din il-laqgha saret x'aktarx f'April 2015. Il-konvenuti, permezz

tal-affidavit tal-Kurunell George Cachia jaqblu lil-attur talab rimedju fit-30 ta' Settembru 2013 lil Kap Kmandant ta' dak iz-zmien il-Brigadier Xuereb.

"Li jirrizulta mill-atti hu illi l-attur ha risposta ghall-ilment tieghu mill-Ufficcju tal-President tar-Repubblika b'ittra datata 10 ta' Settembru 2015 (fol. 25 tal-proces) fejn l-ilment tal-attur gie michud, u l-promozzjonijiet ilmentati gew konfermati. L-attur ipprezenta l-kawza fit-8 ta' Marzu 2016 cioe qabel gheluq is-sitt xhur impost mill-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12.

"Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-intimati illi l-ghemil amministrattiv inghalaq mal-hatra tal-promozzjonijiet. Il-Kapitolu 220 fl-artikolu 160 jipprovdi ghal rimedju minn tali ghemil ghal minn jallega nuqqas mill-istess ghemil. Mill-atti jidher li l-attur ha hsieb jutilizza dawn ir-rimedji provduti mil-ligi biex ma jigix rinfaccat bl-eccezzjoni li ma jistax jitlob l-ghajnuna tal-Qorti meta l-ligi appozita setghet provdietlu rimedju effettiv. Ghalkemm l-intimati jishqu illi l-Kap Kmandant ipprovda 'redress' ghal lanjanza tal-attur fl-14 ta' Ottubru 2013, dan ma jirrizulta minn imkien fl-atti. Invece jirrizulta illi l-attur direttament jew tramite l-Kap Kmandant ghax din ukoll ma tirrizultax car, talab 'redress' lil President tar-Repubblika. L-Ufficju tal-President tar-Repubblika irrisponda direttament lil attur fejn cahadlu t-talba. Hu minnu illi l-artikolu 160 tal-Kap. 220 jaghti d-dritt lil Ufficcju tal-President jaghti direttiva lil Kap Kmandant biex dan jimxi fuqha, pero f'dan il-kaz jidher li l-Ufficcju tal-President qabez dan l-istadju u cahad it-talba hi stess. Il-Kap Kmandant ma jidhirx li kien kuntrarju ghal din id-decizjoni.

"Il-Qorti tqis ghalhekk illi l-ghemil amministrattiv kif provdut fl-artikolu 160 tal-Kap. 220 intemm mac-cahda definittiva tal-lanjanza tal-attur mill-President tar-Repubblika dejjem fl-ambitu tar-rimedji applikabbli skond l-istess artikolu u b'hekk l-ghemil amministrattiv li gie fis-sehh fis-27 ta' Settembru 2013 gie konfermat bl-ittra tal-President tal-10 ta' Settembru 2015.

"Il-Qorti tqis illi l-attur usufruixxa ruhu mir-rimedju ordinarju li taghtih il-ligi permezz tal-Kap. 220 kif irid l-artikolu 160 biex imbaghad hu kien f'pozizzjoni li jintavola din l- azzjoni. Id-decizjoni tal-Ufficcju tal-President hi l-punctum temporis li minnha jibda jiddekorri t-termini tal-artikolu 469A ghax kien biss f'dak il-mument li l-attur kien f'pozizzjoni cara u ghalhekk seta' jintavola l-azzjoni odjerna biex jattakka l-ghemil amministrattiv konfermat f'Settembru 2015 li qies li l-ghemil amministrattiv tas-27 ta' Settembru 2013 hu konfermat b'mod definittiv".

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta u tal-Ministru ghall-Intern u Sigurtà Nazzjonali li permezz tieghu qeghdin jikkontestaw is-sentenza parzjali tal-5 ta' Ottubru, 2016, fuq l-eccezzjoni preliminari. Ghalhekk qeghdin jitolbu li din il-Qorti tirrevoka u thassar dik is-sentenza moghtija *in parte* u minflok tilqa' r-raba' eccezzjoni mressqa minnhom, filwaqt li tichad it-talbiet kollha tal-attur appellat.

Rat li, peress li r-rikors tal-appell kien notifikat f'idejn persuna kapaci li tircevih skont il-ligi, u in vista tal-oppozizzjoni tal-konvenuti appellanti, din il-Qorti cahdet it-talba tal-attur appellat ghall-prezentata tar-risposta.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza, wara li d-difensuri tal-partijiet itrattaw l-appell waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2017.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz ix-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-azzjoni attrici hija wahda ta' stharrig gudizzjarju ta' ezercizzju ta' promozzjonijiet fi hdan il-Forzi Armati ta' Malta, li l-attur appellat hassu aggravat bih, peress li jinghad li sar bi ksur tal-provvedimenti tal-ligi u bi ksur tad-drittijiet tieghu, li kkagunalu d-danni.

Il-konvenuti appellanti hassewhom aggravati bid-decizjoni parzjali tal-ewwel Qorti fejn inghad li l-azzjoni attrici mhix milquta bit-terminu perentorju ta' sitt xhur, kif mahsub taht l-Artikolu 469A(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). L-appellanti jishqu li l-ezercizzju lamentat mill-attur appellat gie fis-sehh fis-27 ta' Settembru, 2013 u li huwa kien ben konsapevoli tieghu peress li ressaq ilment bil-miktub fit-30 ta' Settembru, 2013, ai termini tal-Artikolu 160 tal-Att Dwar il-Forzi Armati ta' Malta (Kap. 220 tal-Ligijiet ta' Malta). Jirreferu ghall-"*General Order*" li giet cirkolata fi hdan il-Forzi Armati nhar it-2 ta' Ottubru, 2013, li permezz taghha l-membri taghha gew informati fost affarijiet ohra, bil-promozzjonijiet mertu ta' din il-vertenza. Ghalkemm il-konvenuti appellanti jghidu li l-attur appellat inghata *redress* mill-Kap Kmandant ta' dak iz-zmien, fl-14 ta' Ottubru, 2013, mill-atti ma jirrizultax car x'kien dan ir-rimedju li jinghad li nghata lill-attur appellat, jekk kienx fil-forma ta' rapport tal-ilment lill-President ta' Malta sabiex jircievi d-direttivi opportuni jew haga ohra. Madankollu l-konvenuti appellanti jishqu li dan ma waqqafx lill-attur appellat milli, ftit wara, jirrikorri ghall-Ufficcju tal-Ombudsman. Jishqu li l-azzjoni odjerna giet ipprezentata sentejn u nofs wara l-ghemil amministrattiv fil-forma tal-promozzjonijiet li nghataw fis-27 ta' Settembru, 2013, u ghalhekk qeghdin jikkonstestaw is-sentenza appellata li rriteniet ingustifikata l-eccezzjoni taghhom a bazi tal-Artikolu 469A(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appell tal-konvenuti appellanti jissejjes fuq erba' aggravji: (i) dwar x'inhu ghemil amministrattiv u minn meta jiddekorri; (ii) in-natura ta' rimedju moghti mill-E.T. il-President ta' Malta taht l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta; (iii) apprezzament hazin tal-eccezzjoni ta' dekadenza; u (iv) jekk hemm proceduri specjali allura l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 ma japplikax.

Fir-rigward tal-ewwel aggravju, l-konvenuti appellanti jishqu li t-terminu perentorju ta' sitt xhur kellu jiddekorri b'effett mid-data li gew fis-sehh il-promozzjonijiet cioè fis-27 ta' Settembru, 2013, u mhux mill-10 ta' Settembru, 2015, d-data tal-ittra mahruga mill-Ufficcju tal-President. Isostnu li l-ghemil amminstrattiv ilmentat hija d-decizjoni mehuda mill-Ministru appellant li jippromwovi lil erbgha mill-ufficcjali li jinghad li ttiehdet bi ksur tad-drittijiet tal-attur appellat, u mhux ic-cahda tal-ilment tal-attur appellat da parti tal-President, li fl-ahhar mill-ahhar mhix parti fil-kawza; fi kwalunkwè kaz ma jistghux isiru procedimenti civili fil-konfront taghha f'dak li ghandu x'jaqsam mal-qadi tal-funzjonijiet tal-kariga taghha. Jinsistu li dan ma jikkwalifikax bhala ghemil amministrattiv peress li hija enti li tgawdi mill-immunità, u l-fatt li taghti gwida ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-ghemil amministrattiv in kwistjoni sehh fis-27 ta' Settembru, 2013 u mhux wara.

Filwaqt li l-konvenuti appellanti jiccitaw l-Artikolu 469A(2) sabiex jisiltu d-definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi "*ghemil amministrattiv*", kif ukoll "*awtorità pubblika*", jinsistu li l-Ufficcju tal-President ma taqax fil-kategorija ta' Dipartimenti tal-Gvern jew awtoritajiet pubblici ghall-fini tal-artikolu in kwistjoni. Kwindi jishqu li kull decizjoni mehuda mill-E.T. il-President ta' Malta mhix decizjoni li tista' tigi mistharrga minn Qorti u dan skont interpretazzjoni stretta tal-istess frazi, kif mahsuba mil-legislatur. Il-konvenuti appellanti jispjegaw li fil-fehma taghhom id-direttiva moghtija mill-President ta' Malta kif mahsuba taht l-Artikolu 160(2) tal-Kap.220 tal-Ligijiet ta' Malta bl-ebda mod ma tista' tigi meqjusa bhala sinonima ma' ordni, licenza, permess, *warrant*, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, u cioè bhala ghemil amministrattiv, peress li dan il-kliem ghandu jigi nterpretat *ejusdem generis*. Dan apparti li jargumentaw li a tenur tal-Artikolu 469A(2) l-assenza jew nuqqas ta' twegiba minghand l-Ufficcju tal-President fi zmien ta' xahrejn kellu jigi nterpretat bhala rifjut ghat-talba tal-appellat.

Jibda billi jinghad li din il-Qorti ma' taqbilx ma' dan l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti. Proprju kif rilevat minnhom stess, il-kariga tal-President ta' Malta hija moghnija bis-setgha taht l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap. 220 li twaqqaf forza armata, kif ukoll li taghmel regolamenti jew ordnijiet *inter alia* dwar it-twaqqif, tmexxija u dixxiplina tal-forza, il-paga, il-kondizzjonijiet u l-estenzjonijiet tas-servizz u hall mis-servizz, in kwantu

bhal bosta pajjizi ohra, l-militar jirrispondi lill-President bhala l-Kap tal-Istat. Ghall-fini tal-istess Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, l-President ta' Malta (jew Imhallef nominat minnu) huwa identifikat bhala l-**awtorità** ta' revizjoni ghall-fini tal-istess Att. (Artikolu 114(2) tal-Kap. 220). Dan kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, xxejjen l-argument tal-konvenuti appellanti li l-President ta' Malta mhix awtorità pubblika ghall-fini tal-Artikolu 469A(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti bhal ta' qabilha, ma tqisx li kienet il-hatra ta' numru ta' ufficjali li skatta t-terminu perentorju ta' sitt xhur. Mill-atti ma jirrizultax li l-attur appellat applika ghal xi promozzjoni li giet rifjutata, izda minn qari tal-istess rikors promotur u tar-risposta guramentata, dan l-ezercizzju ta' promozzjonijiet kien imwettaq mill-Ministru responsabbli fiz-zmien in kwistjoni, kif mahsub taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 220.03. Issa konsegwenza ta' dan il-process skatta l-ilment tal-attur appellat. Dan ifisser li l-Artikolu 160 tal. Kap. 220 irid jinqara fis-shih:

> "*(1) Jekk ufficjal jahseb li saret xi haga hazina dwaru minn ufficjal jew awtorità superjuri u meta japplika ghand l-ufficjal kmandant tieghu ma jiksibx ir-rimedju li hu jahseb li jkollu dritt ghalih, hu jista' jaghmel ilment dwar dik il-haga lill-Kmandant.*
>
> "*(2) Meta jircievi dak l-ilment il-Kmandant ikollu d-dmir li jinvestiga l-ilment u li jaghti dak ir-rimedju li jidhirlu li jkun mehtieg jew, **jekk l-ilment ikun hekk jehtieg, il-Kmandant ghandu permezz tal-Ministru jaghmel rapport tal-ilment lill-President ta' Malta sabiex jircievi d-direttivi tal-President ta' Malta***".

Kif rilevat mill-ewwel Qorti, f'dan il-kaz mill-provi ma jirrizultax b'mod car jekk kienx l-ilment dirett tal-attur appellat jew il-Kap Kmandant li talab direzzjoni mill-President. Madankollu fi kwalunkwè kaz, l-ilment in ezami skatta talba ghal direzzjoni mill-President. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, d-decizjoni ahharija ta' Settembru 2015, fir-rigward ta' dan l-ilment, <u>li huwa parti integrali mid-decizjoni amministrattiva</u>, huwa l-punt temporali li minnu kellu jiskatta z-zmien perentorju ta' sitt xhur.

Dwar id-definizzjoni ta' ghemil amministrattiv tajjeb li jinghad li dan irid jigi nkwadrat sew f'dak provdut fl-Artikolu 160 in ezami, li fil-kuntest ta' ilmenti ta' ufficjali, jitkellem dwar <u>direttiva</u> moghtija mill-President ta' Malta lill-Kmandant dwar l-ilment imressaq. F'dan il-kaz jirrizulta li l-President, minflok tat direzzjoni lill-Kmandant, ikkomunikat direttament id-decizjoni taghha lill-attur appellat, li fil-fehma taghha, l-proceduri kollha fl-ezercizzju tal-promozzjonijiet saru ai termini tal-ligi. Il-fatt li l-President ikkomunikat id-direzzjoni taghha direttament lill-attur appellat, minflok dan ma nghata d-decizjoni ahharija mill-Kmandant, m'ghandux iservi ta' ostakolu milli jsir stharrig amministrattiv tal-imsemmi ezercizzju ta' promozzjonijiet li twettaq mill-Ministru konvenut, appellant f'din il-kawza. Kwindi l-azzjonabilità tal-President f'kawza civili mhix il-mertu tal-vertenza odjerna, u l-kawza tista' tipprocedi kif proposta, minghajr xkiel. Izda l-istess ezercizzju amministrattiv ta' promozzjonijiet gie kkonfermat fir-rigward tal-ilment tal-attur, permezz tal-ittra tal-10 ta'

Settembru, 2015, u mhux qabel, peress li sa dak l-istadju l-process kien ghadu taht l-iskrutinju intern tal-Kap tal-Istat li tahta jaqghu l-Forzi Armati. Ghalhekk din il-Qorti, bhal ta' qabilha, hija tal-fehma li l-process ta' ghemil amministrattiv intemm mac-cahda tal-ilment tal-attur appellat u mhux kif isostnu l-konvenuti appellanti mal-hatra tal-promozzjonijiet tal-ufficjali in kontestazzjoni. Din ic-cahda certament kienet tikkostitwixxi decizjoni fil-parametri ta' ghemil amministrattiv kif kontemplat taht l-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12.

Ladarba l-kawza saret fi zmien sitt xhur mid-data tal-imsemmija ittra ta' Settembru 2015, li amministrattivament ghalqet il-kapitolu tal-ilment tal-attur appellat, l-azzjoni attrici mhix perenta, izda saret fil-waqt.

Lanqas ma skatta t-terminu ta' xahrejn mahsub fil-proviso tal-Artikolu 469A(2) msemmi. Dan il-proviso jipprovdi li meta l-awtorita` li tircievi talba ma taghtix decizjoni dwar dik it-talba dak in-nuqqas ghandu, wara xahrejn minn notifika tat-talba lill-awtorita`, jikkostitwixxi rifjut. Fil-kaz tal-lum l-attur talab rimedju fit-30 ta' Settembru 2013. Kif inghad, il-konvenuti appellanti jsostnu li l-Kap Kmandant ta' dak iz-zmien ta rimedju fl-14 ta' Ottubru, 2013. Ma jirrizultax x'kien dan ir-rimedju izda jidher li dan kien jikkonsisti fir-riferenza tal-ilment tal-attur lill-President ta' Malta.

Kienet x'kienet in-natura tar-rimedju l-fatt jibqa' li l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta jikkoncedi fl-14 ta' Ottubru 2013 il-Kap Kmandant ta' dak iz-zmien kien ta decizjoni fuq l-ilment tat-30 ta' Settembru 2013 u cioe` fi zmien ix-xahrejn stabbiliti mil-ligi u ghalhekk ma ghandux jitqies li wara xahrejn kien hemm rifjut tat-talba tar-rikorrent appellat. Ghalhekk il-process amministrattiv irid jigi investit fl-intier tieghu sakemm kien hemm ir-rifjut effettiv tat-talba tar-rikorrent tat-30 ta' Settembru u dan sehh bl-ittra tal-President tal-10 ta' Settembru 2015 u ghaldaqstant minn dik id-data beda jiddekorri t-terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur li allura kien jiskadi fid-9 ta' Settembru 2016 u per konsegwenza l-azzjoni saret fil-hin meta saret fit-8 ta' Marzu 2016.

Kwindi dan l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti ma jirrizultax bhala gustifikat.

Taht it-tieni aggravju l-konvenuti appellanti jistharrgu n-natura tar-rimedju moghti mill-President taht l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta. Il-konvenuti appellanti jikkontendu li r-ragunar tal-ewwel Qorti, meta ddecidiet dwar id-direttiva moghtija mill-E.T. President permezz tal-ittra li biha cahdet definittivament l-ilment tal-attur appellat, fejn l-ghemil amministrattiv tas-27 ta' Settembru, 2013 kien konfermat b'mod definittiv, kien fallaci. Dan in kwantu l-ewwel Qorti bbazat il-decizjoni taghha fuq konsiderazzjonjiet zbaljati dwar l-Artikolu 160 tal-Kap. 220.

Dan peress li l-konvenuti appellanti jikkontendu li r-rimedju kontemplat mil-ligi fir-rigward tad-direzzjoni moghtija mill-President mhux mandatorju qabel jinfethu l-proceduri quddiem il-Qorti. Jispjegaw li, filwaqt li mill-kliem adoperat fl-imsemmi artikolu huwa mandatorju li l-Kmandat jinvestiga l-ilment imressaq, mhux mandatorju li l-ilment jigi riferut ghad-direzzjoni tal-President. Isostnu li ladarba l-ligi ma tohloqx rimedju specifiku u lanqas timponi appell statutorju mid-decizjoni moghtija, it-terminu ta' sitt xhur beda jiddekorri mis-27 ta' Settembru, 2013. Jirrilevaw ukoll illi l-Artikolu 469A ma jistipulax li ghandhom jigu ezawriti r-rimedji interni kollha qabel ma jigu ntavolati l-proceduri quddiem il-Qorti. Ghalhekk jikkontendu li l-attur appellat ma kellux jistenna d-direttivi tal-President ta' Malta, gia ladarba dawn ma kienux ekwivalenti ghal decizjoni moghtija minn Qorti jew Tribunal. Dan meta l-Kmandant u l-Ministru ma kienux prezenti waqt l-udjenza li l-attur appellat kellu mal-President, filwaqt li process gudizzjarju certament kien jehtieg il-prezenza taghhom, sabiex iressqu l-provi u s-sottomissjonijiet opportuni, u dana sabiex jithares il-principju ta' *audi alteram partem.* Kwindi jishqu li lanqas taht dan l-aspett id-direttiva tal-President ma setghet titqies bhala decizjoni minn Qorti jew Tribunal.

Jargumentaw li jekk min-naha l-ohra, l-udjenza quddiem il-President kellha titqies bhala Qorti jew Tribunal, allura ladarba jirrizulta rimedju specjali *ad hoc,* l-Artikolu 469A mhux applikabbli u dan skont kif

jipprovdi s-subinciz (4) tal-istess Artikolu. Il-konvenuti appellanti jsostnu li ladarba dan ir-rimedju ma jistax jigi ritenut bhala wiehed effettiv, isegwi li lanqas ma kien rimedju li seta' jinterrompi jew jissospendi perjodu ta' dekadenza, meta d-dekadenza hija ntiza sabiex ma jkunx hemm dilungar fl-intavolar tal-proceduri, proprju minhabba l-effetti li tista' ggib maghha azzjoni ta' stharrig gudizzjarju. Jirreferu ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Ottubru, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Prim'Imhallef Emeritu Dr. Joseph Said Pullicino noe v. Il-Ministru ghall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali et** fejn din il-Qorti tenniet li: "*l-possibilità ta' rikors permezz tal-Kap Kmandant lill-President tar-Repubblika ma kienx rimedju effettiv u rimedju li mhux effettiv ma hu rimedju xejn*". Kwindi l-konvenuti appellanti jikkontendu li, hekk kif din il-Qorti sabet li dan ir-rimedju intern quddiem il-President ma kienx *sine qua non* sabiex wiehed jipprocedi quddiem l-Ombudsman, l-ewwel Qorti ma kellha qatt issib li l-perjodu ta' dekadenza jiskatta mid-data ta' tali ezitu li kien ritenut "*jaghlaq*" l-ghemil amministrattiv.

Fil-kaz tat-tieni aggravju, din il-Qorti taqbel biss mas-sottomissjonijiet maghmula mill-konvenuti appellanti sa fejn jinghad minnhom li r-rimedju provdut fil-ligi quddiem il-President ta' Malta, mhuwiex ekwivalenti ghal process gudizzjarju quddiem Tribunal jew Qorti. Dan jinghad peress li ghalkemm l-istess ligi tabilhaqq tipprovdi li l-President hija l-awtorità moghnija bis-setgha ta' revizjoni, il-President ta' Malta ma tista' qatt

titqies bhala awtorità gudizzjarja, peress li ma jistax ikun li titqies bhala Qorti independenti u imparzjali, ladarba l-Forzi Armati jaqghu tahtha u ghandha s-setghat fir-rigward rizultanti mill-istess ligi, kif imfissra qabel. Kwindi ma ghandu ebda effett id-dispost tal-Artikolu 469A(4) tal-Kap. 12, li jiddisponi li l-istess artikolu dwar stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv m'ghandux jigi applikat fejn ksib ta' rimedju dwar att amminstrattiv quddiem Qorti jew tribunal jigi provdut minn ligi ohra, peress li r-rimedju intern provdut taht il-Kap. 220 ma jista' qatt jitqies rimedju quddiem Qorti jew Tribunal.

Tajjeb li jigi osservat ukoll li, ghalkemm huwa minnu li mill-atti ma jirrizultax li l-konvenuti appellanti nghataw smigh quddiem il-President, l-istess artikolu tal-ligi jipprovdi li "*l-Kmandant <u>ghandu</u> permezz tal-Ministru jaghmel rapport tal-ilment lill-President ta' Malta*". Kwindi, ladarba skattat it-talba tal-intervent tal-President, dan ir-rapport skont it-test tal-ligi in ezami, kien wiehed mandatorju. Mill-atti tal-kawza ma jirrizultax tali rapport, izda din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li kwalunkwè rapport sottomess mill-Kmandant lill-President ta' Malta ai termini tal-istess ligi, kien jinkludi l-pozizzjoni tal-konvenuti appellanti, sabiex il-materja setghet tigi ezaminata mill-President ta' Malta fis-shih u dan sabiex hija waslet ghall-konkluzjoni li d-dettami tal-ligi ossia tar-Regolamenti Dwar In-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz Tal-Forza Regolari Tal-Forzi Armati Ta' Malta gew osservati.

Inoltrè, f'dan il-kaz, ladarba tqies li kien opportun li l-ilment tal-attur appellat jigi mistharreg mill-President ta' Malta sabiex tinghata finalità ghad-decizjoni amministrattiva, ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti kien jaghmel ftit sens li jigi investit mill-Qrati l-ilment imressaq mill-attur appellat qabel ma jigi determinat l-istess ilment skont kif tipprovdi l-istess ligi in ezami. Huwa minnu li l-procedura ta' direzzjoni kontemplata fl-Artikolu 160 tal-Kap. 220 mhix wahda mandatorja, izda ladarba l-partijiet adottaw din il-mizura, li wara kollox hija kontemplata mil-ligi, mhux imholli li l-attur appellat ibati pregudizzju talli mexa skont il-ligi. Ghalkemm din il-Qorti hija ben konsapevoli tas-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **Il-Prim Imhallef Emeritu Dr. Joseph Said Pullicino noe v. Il-Ministru ghall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali et**, citata mill-konvenuti appellanti, huwa ritenut mill-aktar inkongruwu li l-ewwel parti taghmel uzu minn rimedju li tipprovdi l-ligi, imbaghad jigu l-konvenuti appellanti u jiccitaw l-ineffikacja tal-istess rimedju sabiex l-attur appellat jigi mcahhad milli jadopera r-rimedju ta' stharrig gudizzjarju.

Huwa anzi ritenut li meta din il-Qorti f'dik is-sentenza ddecidiet li r-rimedju kontemplat fil-ligi in ezami ma huwa rimedju effettiv xejn, dan jissottolinja l-htiega li jsir l-ezercizzju ta' stharrig gudizzjarju tal-ghemil amministrattiv in kwistjoni, da parti tal-Qrati permezz tal-proceduri odjerni, liema process jigi ribadit skatta permezz tad-decizjoni ahharija

fil-konfront tal-attur appellat. Huwa semplicement punt incidentali li, f'dan il-kaz, id-decizjoni giet fis-sehh immedjatament bil-komunika diretta li ghazlet li taghmel il-President. Din il-Qorti ssib f'lokha l-osservazzjoni maghmula mill-attur appellat fin-nota tieghu quddiem l-ewwel Qorti, fis-sens li kieku l-attur appellat m'adoperax ir-rimedju kontemplat fil-ligi, l-konvenuti appellanti kienu jiccitaw in-nuqqas tal-attur li jadopera r-rimedju ordinarju disponibbli lilu provdut fil-ligi, dan kif wara kollox ghamlu l-istess konvenuti appellanti fil-proceduri appena citati minnhom. Kwindi ghalkemm huwa minnu li l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 ma jaghmilx mandatorju li parti tezawrixxi r-rimedju ordinarju qabel ma tittanta l-proceduri ta' stharrig gudizzjarju, dan ma jbiddel xejn mill-fatt li huwa mholli f'idejn il-persuna li tiddeciedi jekk tittantax dawk ir-rimedji ordinarji, sewwa jekk effettivi u kemm jekk le, dan dejjem sakemm l-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ssir fit-terminu perentorju kontemplat fil-ligi, li f'dan il-kaz gie osservat. Isegwi li lanqas dan it-tieni aggravju ma jirrizulta bhala misthoqq.

Imiss li jigi trattat it-tielet aggravju, dak fejn jinghad li sar apprezzament hazin tal-eccezzjoni ta' dekadenza meta l-ewwel Qorti rriteniet r-raba' eccezzjoni tal-konvenuti appellanti bhala ingustifikata, peress li l-attur appellat ipprezenta l-kawza qabel l-gheluq tat-terminu tas-sitt xhur. Jinsistu li l-kariga ta' Kurunell tal-ufficjali in kwistjoni giet fis-sehh b'effett mis-27 ta' Settembru, 2013, u li minn tali data l-ghemil amministrattiv

seta' jitqies konkluz u mhux minn dakinhar li sehhew diskussjonijiet mal-Kap Kmandant, minn dakinhar li sar ilment mal-Ombudsman jew minn dakinhar tal-intervista mal-E.T. il-President. Dan peress li l-Artikolu 469A(3) huwa car fis-sens li t-terminu ta' sitt xhur huwa wiehed perentorju li ma jistax jigi interrot jew sospiz. Il-konvenuti appellant jispjegaw li l-attur appellat kien ben konsapevoli tal-promozzjonijiet li sehhew, tant li ressaq l-ilment tieghu wara tliet ijiem u ghalhekk ma kellu ebda raguni sabiex idum sentejn u nofs sabiex jintavola l-proceduri odjerni. Kwindi jishqu li l-azzjoni attrici hija milquta bid-dekadenza ta' sitt xhur. Jiccitaw gurisprudenza estensiva dwar il-fatt li l-perjodu ta' dekadenza mhux suggett ghar-regoli ta' sospensjoni jew ta' interruzzjoni, peress li a kuntrarju ta' perjodu ta' preskrizzjoni, dan mhuwiex prorogabbli, u jaghmlu dan sabiex ikomplu jfissru l-fehma taghhom li l-azzjoni attrici hija inammissibbli peress li milquta bid-dekors ta' sitt xhur. Jinsistu li l-ghotja tal-promozzjonijiet kien l-ghemil amministrattiv li minnu skatta t-terminu perentorju ta' sitt xhur. Ladarba d-direzzjoni mitluba mill-President ma jikkostitwix decizjoni ta' Tribunal jew Bord Specjali, it-teorija li l-attur appellat kellu jistenna l-ezitu tal-udjenza mal-President, fil-fehma taghhom ma jregix u jinsistu li hija ntiza biss sabiex jissana d-dilungar tieghu li jigu intavolati l-proceduri odjerni, dan meta l-istess attur appellat ressaq l-ilment quddiem l-Ombudsman minghajr dewmien.

Fil-verità din il-Qorti ssib dan l-aggravju ripetittiv ghall-ahhar ta’ dak li nghad taht l-ewwel aggravju. Hi taqbel li t-terminu impost mill-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 huwa wiehed ta’ dekadenza (ara f’dan is-sens is-sentenza ta’ din il-Qorti, tal-31 ta’ Mejju, 2002, fil-kawza fl-ismijiet **Roberto Zamboni noe. v. Id-Direttur tal-Kuntratti et.**). Ghalhekk taqbel mal-principji esposti fil-gurisprudenza citata mill-konvenuti appellanti, fis-sens ukoll li dan il-perjodu ma jistax jigi interrot jew sospiz, (ara f’dan is-sens is-sentenzi tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta’ Settembru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Co-Op Services Limited v. Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku** u dik tat-23 ta’ Novembru, 2011, fil-kawza fl-ismijiet **Abdel Hamid Alyassin v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et**). Jibqa’ l-fatt, pero`, li kull kaz irid jigi ezaminat fic-cirkostanzi tal-fatti li jsawwruh. F’dan il-kaz, jigi ribadit li ghalkemm huwa l-ezercizzju adoperat fil-promozzjoni tal-istess ufficjali li qieghed jigi mistharreg, fil-kaz tal-attur appellat, dan l-ezercizzju gie meqjus bhala wiehed finali hekk kif l-ilment tieghu gie michud, skont il-provvedimenti tal-ligi in kwistjoni. Kwindi jsegwi li din il-Qorti ma taqbilx li l-perjodu perentorju ta’ sitt xhur skatta b’effett mill-ghoti tal-promozzjonijiet, peress li hija d-decizjoni finali li cahdet l-ilment tal-attur appellat, li minnha skatta l-perjodu perentorju ta’ sitt xhur. Fil-bqija jibqghu fis-shih il-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti taht l-ewwel zewg aggravji.

Inoltrè, tajjeb li jinghad ukoll li ghalkemm l-attur appellat permezz ta' nota ddikjara li l-kaz tieghu jikkoncerna s-subinciz (1)(b) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12, jenfasizza wkoll li minn qari akkurat tar-rikors promotur jirrizulta li l-azzjoni ntentata minnu hija ferm aktar wiesgha. Safejn l-ilment tal-attur appellat jiccentra ruhu fuq ksur ta' drittijiet tieghu li ma jigix diskriminat, dan ma hux imfassal fuq l-Artikolu 469A(1)(b) u ghalhekk ma humiex milquta bit-terminu perentorju ta' sitt xhur. Dana peress li huwa pacifiku li l-Artikolu 469A(3) jsib l-applikabilità tieghu limitatament fil-kuntest tal-Artikolu 469A(1)(b). Kwindi ma tista' qatt tintlaqa' t-talba tal-konvenuti appellanti li f'dan l-istadju jigu michuda t-talbiet attrici fis-shih. Isegwi li lanqas dan it-tielet aggravju ma jista' jintlaqa' u ser jigi michud.

Jonqos li jigi trattat ir-raba' aggravju, dak fejn jinghad li jekk kemm-il darba tezisti procedura specjali, allura l-Artikolu 469A ma japplikax. Il-konvenuti appellanti jikkontendu li l-ewwel Qorti ddecidiet li minkejja li jezisti rimedju iehor, jigifieri l-udjenza quddiem l-E.T. il-President ta' Malta, il-Qrati gudizzjarji mhumiex svestiti milli jistharrgu gudizzjarjament id-decizjoni amministrattiva. Ladarba l-udjenza mal-President ta' Malta hija ekwivalenti ma' process quddiem Qorti jew Tribunal, allura din tikkonsisti f'rimedju specjali *ad hoc* u l-Artikolu 469A ma jibqax applikabbli, peress li ghandu jsegwi li l-ewwel Qorti kienet zvestita milli tistharreg l-ilment tal-attur appellat. Filwaqt li jergghu

jaghmlu referenza ghas-subinciz (4) tal-Artikolu 469A f'dan ir-rigward, jikkontendu li l-attur appellat ma jistax jiggustifika d-dewmien tieghu billi jinghad li kien qieghed jistenna l-ezitu tar-rimedju alternattiv, qabel ma jintavola l-proceduri odjerni kif kontemplati taht l-Artikolu 469A. Jekk dan ir-rimedju ma kienx wiehed effettiv, kien jispetta lill-attur appellat li jintavola l-kawza fi zmien sitt xhur mid-data tal-promozzjonijiet. Jekk min-naha l-ohra dan ir-rimedju huwa ritenut rimedju ordinarju effettiv, allura l-azzjoni gudizzjarja ntentata mill-attur appellat mhix applikabbli.

Dan ir-raba' aggravju huwa bazikament sintezi ta' dak espost mill-konvenuti appellanti taht it-tieni aggravju taghhom. Jigi ribadit illi ghalkemm il-Kap. 220 jipprovdi mekkanizmu ta' kif ufficjal jista' jressaq ilment u kif dan l-ilment jista' jigi determinat, dan ir-rimedju kkontemplat fil-ligi in ezami ma' jista' qatt jigi ekwiparat ma' proceduri gudizzjarji, in kwantu kif inghad qabel, il-President ta' Malta mhix meqjusa Qorti jew Tribunal u l-funzjonijiet taghha certament mhumiex ta' natura gudizzjarja. Bizzejjed jinghad li f'kaz ta' sejbien ta' ragun dwar l-ilment, il-ligi per ezempju, ma tikkontemplax li l-President takkorda d-danni, kwindi r-rimedju kkontemplat certament huwa wiehed limitat. Kwindi fl-ispecifiku, ir-rimedju kontemplat mill-Artikolu 160 tal-Kap. 220 mhux wiehed li minnu jiskatta l-applikabbilità tal-Artikolu 469A(4), li jizvesti l-Qrati ordinarji milli jistharrgu l-att amministrattiv in kwistjoni. Huwa pacifiku li l-Qrati ordinarji jistghu jissindikaw l-operat ta' kwalsiasi

tribunal jew bord imwaqqaf bil-ligi sabiex fost affarijiet ohra jassiguraw li l-principji tal-gustizzja naturali jkunu osservati, *multo magis* l-operat ta' awtoritajiet pubblici vestiti b'poter decizjonali. Inoltrè jigi ribadit illi, minkejja l-effettività o meno tar-rimedju intern adoperat fil-kaz in ezami, hekk kif kontemplat fil-ligi, kienet id-decizjoni tar-rifjut tal-ilment tal-attur appella li minnu skatta l-htiega innegabbli li jigi mistharreg il-process shih tal-promozzjonijiet in kwistjoni, peress li kienet din id-decizjoni li amministrattivament (u mhux gudizzjarjament) ghalqet b'mod finali l-opportunità tal-attur appellat. Kwindi lanqas dan ir-raba' aggravju tal-konvenuti appellanti ma jista' jirnexxi.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddeciedi illi tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti appellanti billi <u>tichad</u> l-istess, filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fis-shih. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

Tirrimanda l-atti tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti sabiex jitkompla s-smigh tal-kawza.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb/df